**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

29 **ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 25 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **25.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **25.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 25.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduti numri 23 u 24 u l-minuti tal-laqgħa pubblika tqassmu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 25.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 23 u l-minuti tas-seduta 24, u l-minuti tal-laqgħa pubblika fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 23 u il-minuti 24 u l-minuti tal-laqgħa pubblika ġew approvati mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **25.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 25.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar il-proġett ta’ Note Book Centre – jekk il-kunsill hux ser jieħu sehem f’din l-inizjattiva għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jirranġaw il-kompjuter tagħħhom b’xejn u l-kunsill jidħol f’din l-iskema mal-kunsilli tal-kottonera u jħallas €2000 għal sena sħiħa minflok €5000. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 25.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera dwar imejl mibgħuta minn għand l-insurance fejn il-kunsill ser jixtri żewġ xkaffar u żewġ units għall librerija mill-fondi li ingħataw lil kunsill wara ħsara li ġarbet il-librerija kawża tal-ilma. Dan ser jammonta ghall €626 li minnhom €100 hija għall access claim tal-Insurance. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet laqgħa ma l-insurers sabiex jiddiskutu l-insurance li ser issr għas sena 2021 min ħabb xi inċidenti. Is-sEgretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-Camera li kienet tkissret fl-inċident ta’ April hija ta’ €540.79. L-Aċċess għal din it-talba hija ta’ €500 għalhekk il-kunsill ser jiġi rifondut €40.79. |

| | |
|---|---|
| 25.03.03 | Is-Sindku flimkien mas-Segretaju Eżekuttiv il-ġimgħa id-dieħla fil-bidu ta' Jannar 2021 għadnhom jiltaqgħu ma TM sabiex jiffirmaw il-ftehim għal xiri ta' Van li l-kunsill rebaħ il-fondi għal dan il-Van mill-mobility Week. Wara dan tkun tista tinħareġ tender għal dan ix-xiri ta' van. |
| 25.03.04 | Is- Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ġie infurmati mid-dipartiment għall-kultura fejn il-kunsilli lokali jistgħu japplikaw sabiex il-lokal tagħhom ikun magħżul għal Belt Kapitali għall kultura għall Malta fl-2022 u l-lokal r-rebbiegħ jibbenifika minn €200,000 sabiex jintużaw għall kultura.<br><br>Il-Kunsill tal-Isla ġie avviċinat minn persuna biex japplika għall kunsill ghall din l-applikazzjoni, ir-rata tiegħu hija ta' €1500 / €2000 dawn irridu jitħallsu mill-fondi tal-kunsill, imbagħad jekk il-lokal tagħna jkun magħżul il-managment fee tiġi imħalsa mis-somma li tingħata pero jekk ma jiġiex magħżul dawn xorta irridu jitħallsu u jkun hemm rapport intensiv dwar il-kultura tal-Belt tal-Isla u dan l-istudju jkun jista' jin tuża għall xi attivita oħra. Is-Sinjorina Corinne Buhagiar approvat dan il-proġett u s-sinjura Joline Attard issekondat. |
| 25.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li l-kunsill lokali ser iħallas claim ta' €350 fuq ħsara ta' Karozza FCM116 li saret fit-02 t' Ottubru 2018. |
| 25.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti fejn din il-ġimgħa kellu laqgħa ma' Grupp taż-żgħażagħ tas salesjani li qegħdin jieħdu ħsieb jaħdmu dwar l-indafa fil-lokalita fejn l-eta tagħhom hija bejn 10 u 16 il-sena. Waħda mil-Clean up day li kienet saret din is-sena f'Settembru kienu ġew ukoll jieħdu sehem. Min naħa tal-kunsill lokali jixtiequ l-għajnuna ta' €200 biex jixtru Hoodies għal 13 il-persuna għal din l-attivita. Is-Sindku spjega li minn naħa tiegħu ħa gost jitkellem magħhom u jħoss li bħala kunsill għandu jkun hemm l-għanjnuna ma dawn iż-żagħżagħ tal-futur b'mod speċjali fejn tidhol indafa u nkunu qegħdin nibdlu ftit il-mentalita.<br>Il-Kunsilliera qablu ma dan unanimament. |
| 25.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti b' inċidenti fi Triq L-Arċisqaf Mattei fejn ir-resident qed jitlob għad-dani li ġarrab fuq il-vettura tiegħu, il-kunsill bagħtlu li din it-trinka il-kumpanija Go hija responsabli minnha. |
| 25.03.08 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera dwar il-proġett Once Upon A Time fejn flimkien mal-Kroazja u l-Italja intlaħaq ftehim li l- |

| | |
|---|---|
| | attivitajiet ta' dan il-proġett issir fit-30 ta' Jannar 2021 sas- 7 ta Frar 2021. Parteċipanti ser għal dawnn l-attivitajiet ser ikunu 23. |
| 25.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl lil kunsilliera l-imejl mibgħuta mill-AKL fejn ġentilment għandkom issibu kopja tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv AKL Nu. 40. Liema minuti ġew approvati waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 41 li nżammet il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2020. |
| 25.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat imejl mibgħuta mis-Sinjorina Claudett Gambin fejn bagħtet sejħa għall kunsill biex japplikaw għall Urban Greening funds għas sena 2021, sabiex il-Kunsill Lokali jerġa' japplika għall tisbieh ta' pjazzez b'aktar pjanti u siġar. Il-Kunsill Lokali approva sabiex japplika għal din is-sejħa. |
| 25.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet kwotazzjoni għal xiri ta' materjal żejjed għall-pjazza 4 ta Settembru sabiex tlesta x-xogħol fil-Pjazza fl-4 ta' Diċembru 2020. Din il-Purchase Order ġiet approvata.<br><br>Intalbu wkoll kwotazzjonijiet sabiex jitranġaw il-ħawtijiet li hemm fil-Pjazza Andrea Debono għaliex dawn ma kienux fit-tender dan ix-xogħol ser jammonta għall- €3500 u kwotazzjoni oħra sabiex jitnadfu dawn il-ħawtijiet u jinqalgħu is-siġar għall prezz ta' €2500 mingħajr VAT miżjud. Il-Kunsilliera approvaw dawn il-kwotazzjonijiet. |
| 25.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar is-sejħa għall-bust ta' La Sengle sabiex tintalab sejħa ta interess għall min jixtieq li jagħti id-disinn tiegħu għal bust ta' La Sengle. Is-Sur Joe Scerri li qed jagħmel xogħol volontarju mal-kunsill ħa ħsieb sabiex min juri interess irrid jissottometti l-ispesifikazzjonijiet kif mitlub. |
| 25.03.13 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li issa l-Kunsill Lokali tal-Isla għandu reġistru bid-dettalji ta' min jitma' l-qtates ta' barra u b'hekk applikajna għal vouchers sabiex dawn il-feeders jidħlu f'din l Skema ta' *Neutering* għall-qtates tat-triq. |
| 25.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet dawn l-assi għall-attenzjoni tal-kunsilliera sabiex jitneħħew mir-rapport tal-assi kapitali, għaliex m'għadhomx jeżistu l-kunsill min<br>ħabba li dawn ġew mibdula ma oħrajn jew għaliex m' għadhomx tajbin, dawn huma:<br>721007- Staff Desk - €449.57<br>721017 – Desk tas-segrtarju Eżekuttiv - €1630.78<br>721018 – Desk tas-sindku - €1306.78<br>7210109 – Computer Desk - €47.33<br>7210110 – 4 double computer Desk - €409.93<br>721067 – Fridge - €493.88 |

| | |
|---|---|
| | 721068 – Fridge - €361.05<br>710104 – Nylon netting Football Ground - €2759.60<br>7210061 – Cane Stool - €65.22<br>7210102 – 8 chairs - €316.79<br>7210120 – Aquarium Equipment - €221.92<br>721046 – Soffit €286.51<br>721046 – Dehumidifiers - €1048.22<br>721053 – Library Curtains - €135.83<br>721054 – Library Curtains - €211.44<br>731040 - Hoover - €44.99<br>731016 - Copier KM 1620 - €908.46<br>731019 - Oil Heater €62.89<br><br>Is-Sindku is-Sur Clive Pulis approva dawn l-assi sabiex jiġu eleminati minn fuq ir-rapport tal-Assi u l-kunsilliera Corinne Buhagiar approvat. |
| 25.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet mal-kunsilliera li l-kunsill qed jirċievi overdue invoices minn għand il-kumpanija Cyber tal-Web page fejn qed is-segretarju qed issaqsi jekk dan irridux ninfurmawh li ser inwaqqfu din il-paġna għax ser jibqa' jibgħat il-pagamenti ? Il-Kunsilliera iddiskutew li dan ilu żmien twil ma jaġġorna din il-paġna għalhekk dan il-ħlas m'għandux isir. |
| 25.03.16 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li kellu talba sabiex ikun hemm No Parking Signs waqt tieġ meta jsir il-Gardjola, iżda wara diskussjoni bejn il-kunsilliera ġie deċiż li ma jingħatax permess għall No Parking Signs fejn il-grawnd tal-futbol għaliex fis-sajf jiġu ħafna nies u tiġijiet isiru kull gimgħa għalhekk ma jistax jinħoloq inkonvenjent kemm għar-residenti kif ukoll għall min jiġi jżur il-belt tal-Isla u jitnaqqas aktar parkeġġ. |
| 25.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mas-Sur Fabian Mangion fejn kien hemm is-segretarju eżekuttiv preżenti sabiex jiġi ippublikat ktieb ieħor fuq l-Isla. Il-Kunsilliera qablu li jiġi ippublikat dan il-ktieb għalhekk għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal dan il-ktieb. |
| 25.03.19 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali tal-Isla għadu mingħajr kuntrattur għal-ġabra ta' l-iskart reċiklat għalhekk il-Kunsill mhux qed jingħata boroż griżi biex iqassam lil residenti. Is-Sindku saqsa lil kunsilliera jekk għandux jixtrihom il-Kunsill jew le. Il- |

| | |
|---|---|
| | Kunsilliera iddiskutew li għandhom jistennew għal-laqgħa li jmiss sabiex jaraw ir-risposta mid-dipartimenti ikkonċernati. |
| 25.03.20 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li attenda laqgħa tar-reġjun fejn ġie diskuss fondi ta' €1580 li ser jingħataw lil kunsilli sabiex issir link dwar il-knsija tal-Isla, Ir-reġjun xlokk qed jgħin lil kunsilli lokali tar-reġjun tiegħu sabiex issir link fejn wieħed jista jżur il-parroċċa tiegħu virtwali 360 *360 VR Tours Project*. |
| 25.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien mistieden għal konferenza stampa fit-23 ta Novembru fejn il-Ministru Jose Herrera ser iħabbar il-pjan għall-kunsilli lokali – *Local Government Policy Revision Process*. |
| 25.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li attenda għall-laqgħa mas-Sur Stefan Azzopardi White fejn ġie diskuss aktar fid-dettal il-programm tal-paroċċa flimkien mal-kunsill għall-Jum L-Isla jekk dejjem issiru minħabba restrizzjonijiet tal-COVID 19. |
| 25.03.21 | Is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv reġgħu fakkru lil kunsilliera sabiex fit-3 ta' Jannar 2021 min ser jattendi għal ftuħ taċ-ċerimonja taċ-ċentinarju mil-inkurunazjoni tal-Bambina jkun bilqegħda fil-5.15pm il-knisja parrokjali. |
| **25.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **25.4.2** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Clive,<br><br>Nixtieq li bħala Kunsill Lokali niktbu lil-LESA minħabba l-camera ta' Triq il-Vitorja biex dawk li jieqfu ikollhom aċċess ta' żewġ minuti jew tlieta sakemm jinqdew mill-Cashlink tal-BOV.<br>Jekk bħala Kunsill nitolbu lil-LESA dawn ser jaċċettaw din il-proposta<br><br>Grazzi<br><br>Il-kunsill ser jagħmel laqgħa mal-LESA sabiex jiddiskuti dan is-suġġett. |

| | |
|---|---|
| | |
| **25.5** | **Rapporti** |
| **25.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapporti tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **25.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 25.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 12/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 25.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **25.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 25.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 29 ta' Jannar 2021

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv